MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Numru 660/10

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**VS**
**GIORGIO CHIRCHOP**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giorgio Chirchop ta' 77 sena, imwieled Naxxar, nhar is-7 ta' Lulju 1932, iben Andrea u Rosa nee' Muscat, residenti 85, St. Andrew's, Triq l-Imdina, Naxxar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 442732(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar is-16 ta' April 2010 ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16.30hrs) gewwa 26, Triq Giuseppe Stivala, Naxxar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ohtu Maria Fenech minn Naxxar skond kif iccertifikat Dr. M.D.

mill-isptar Mater Dei u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (Dok.ET a fol.12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 9 ta’ Frar 2011 (a fol.29);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Giorgio Chirchop** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 216, 28A, 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin. In oltre’, il-Qorti tordna l-hrug Protection Order kontra l-imputat u favur il-kwerelanti Maria Fenech u l-familja taghha b’dan li l-imputat m’ghandux ikellem jew b’xi mod iehor jimmolesta lill-kwerelanti Fenech jew lil membri tal-familja taghha u dana ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta` anzjana tal-imputat, l-isfond tal-fatti tal-kaz li jitratta fuq kwistjoni bejn ahwa anzjani u l-fatt illi l-kwerelanti (cioe` oht l-imputat) kienet hafret lil imputat fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------